MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 478/2012

**Giuseppe Ghirlando**

**Bhala mandatarju u ghan-nom tas-socjeta` estera**

***"Franco Caruso Marmi e Graniti S.p.a."* tal-Italia**

**(I.D. 16012 A)**

**vs**

**Mario Saliba**

**(I.D. 263961 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu, sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rapprezentata mir-rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-intimat kwantita` ta' irham bil-prezz ta' sbatax -il elf hames mija u sitta u disghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€17,596.74), (ara fattura a foll 4);

1.2. Illi l-partijiet kienu ftehmu li d-debitu in dizamina kellu jithallas fi tlett (3) skadenzi ta' hamest elef tmin mija hamsa u sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu, (€5,865.58), il-wahda, u dawn fit-30 ta' Settembru, il-31 t'Ottubru u fit-30 ta' Novembru, ilkoll tal-2011, (ara foll 2);

1.3. Illi nonostante li interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont minnhu dovut, l-intimat baqa` inadempjenti:

1.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jwiegeb ghad-domandi tieghu u jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li l-intimat iddekada mill-beneficcju tat-terminu u ghalhekk ghandu jhallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont kollu minnu dovut ghall-prezz tal-irham mibjugh u lilu kkonsenjat;

1.4.2. Tikkundannah ihallas lir-rikorrenti *nomine* is-somma ta' sbatax –il elf hames mija sitta u disghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€17,596.74), prezz tal-imsemmi irham;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur, u bl-imghax legali mis-16 ta' Jannar, 2012;

2.0. Rat ir-risposta datata l-10 ta’ Jannar, 2013, li permezz taghha irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-irham mibjugh lill-intimat mhux tal-kwalita` pattwita;

2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* ghandhom jigu michuda;

2.3. Illi ghalhekk ukoll ghandu jigi nominat perit biex jaghti l-parir tekniku tieghu fir-rigward;

2.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.5. Bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta’ Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara rikors appozitu ghan-nomina ta’ perit tekniku biex jistharreg jekk l-irham mertu tal-kawza kienx tal-kwalita` pattwita, datat it-23 ta’ Settembru, 2013, (ara foll 54), u risposta datata l-14 t’Ottubru, 2013, (ara foll 57), irrilevat li jkun opportun li tisma` lill-partijiet fir-rigward fl-udjenza ssegwenti, (ara foll 61);

4. Rat il-verbal datat l-4 ta’ Frar, 2014, fejn l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li nonostante dak indikat fil-paragrafu precedenti li minflok hu aktar ghaqli f’dan l-istadju li l-intimat jipprezenta l-provi tieghu;

5. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, (ara foll 82);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata prodotta;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti *nomine* tista' tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

8.1. Illi fit-28 ta' Lulju, 2011, l-intimat tela` Sqallija bil-ghan li jixtri l-irham mid-ditta Franco Caruso S.p.a., (ara foll 38);

8.2. Illi wara li dam gurnata shiha fl-imsemmija azjenda ghazel li jixtri erbgha (4) tipi ta' irham, (ara foll 38);

8.3. Illi l-intimat kien sodisfatt bil-kwalita` u bil-prezz pattwit, (ara foll 38);

8.4. Illi l-prezz komprensiv pattwit kien jammonta ghal dak indikat fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

8.5. Illi *di piu`* intlahaq ukoll ftehim li l-pagament li l-intimat kellu jeffettwa ghall-irham minnhu hekk mixtri kellu jithallas fi tlett (3) rati ugwali mensili kif ukoll indikat fir-rikors guramentat

promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

8.6. Illi l-irham hekk mixtri mill-intimat gie ikkonsenjat lilu mis-socjeta` venditrici estera sitt (6) ijiem wara senjatament fl-4 t'Awwissu, 2011, (ara foll 38), u gie skarikat l-ghada;

8.7. Illi wara li l-konsenja lilhu mibjugha u kkonsenjata giet debitament hekk skarigata, l-intimat informa telefonikament lir-rikorrenti *nomine* li kollox kien mar sew, (ara foll 38);

8.8. Illi wara dakinhar tal-konsenja r-rikorrenti *nomine* isostni li l-intimat qata` kull kuntratt mieghu u sar irreperibbli, (ara foll 38);

8.9. Illi r-rikorrenti *nomine* isostni li sa Settembru, 2011, l-intimat kien gia` biegh sittin fil-mija, (60%), tal-irham lilhu hekk ikkonsenjat;

8.10. Illi meta ftit wara r-rikorrenti *nomine* u l-intimat iltaqghu b'kumbinazzjoni, l-istess intimat assigurah li kien ser jeffettwa l-ewwel pagament minnhu dovut, (ara foll 38);

8.11. Illi nonostante tali assikurazzjoni, l-intimat baqa` ma effettwa l-ebda pagament, (ara foll 38);

8.12. Illi ghalkemm baqa` irreperibbli, l-intimat xorta baqa` jahdem l-istess irham lilhu hekk ikkonsenjat, (ara foll 38);

8.13. Illi dan fuq espost gie kollu ikkonfermat mill-intimat bl-*e-mail* li hu baghat direttament lis-socjeta` estera datata it-30 ta' Marzu, 2012, fejn rega` kkonferma li kien ser ihallas l-ammont minnhu dovut ghall-irham minnhu mixtri u uzat, (ara foll 40);

8.14. Illi sa Mejju, 2012, l-intimat kien utilizza bejn tlieta u tmenin fil-mija, (83%), tal-irham lilhu hekk mibjugh u kkonsenjat, (ara foll 39);

8.15. Illi l-irham ikkonsenjat lill-intimat hu dak li kien personalment precedentement spezzjonat mill-intimat fi Sqallija, (ara foll 44);

8.16. Illi l-intimat, nonostante li kien assikura lir-rikorrenti *nomine* u lill-istess azjenda Taljana li kien ser jeffettwa l-pagamenti minnhu dovuti baqa` m'effettwa l-ebda pagament, (ara foll 45);

8.17. Illi l-intimat qatt ma ressaq raguni ghaliex ma hallasx l-ammont minnhu dovut, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi min-naha tieghu l-intimat isostni sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-kontendenti ilhom jafu lil xulxin ghal madwar ghoxrin (20) sena, (ara foll 69 A);

9.2. Illi f'dan il-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti l-kontendenti gieli kellhom xi problema izda dejjem gew rizolti, (ara foll 69 A);

9.3. Illi l-intimat mar fl-istabilimenti tas-socjeta` estera fejn jikkonferma li ghazel l-irham li xtaq, (ara foll 69 A);

9.4. Illi wara li l-materjal hekk mixtri gie debitament ikkonsenjat, l-intimat beda jahdem l-irham *de quo*, (ara foll 69 A);

9.5. Illi l-intimat isostni li meta wasal ghall-*finishing* l-irham beda jixpakka, (ara foll 69 A u sett ritratti a foll 70 sa 81);

9.6. Illi l-istess intimat isostni u jikkonferma li nonostante dan bghat *e-mails* lis-socjeta` rikorrenti li permezz taghhom informha:

9.6.1. Illi kien ser ihallasha ghall-irham lilhu mibjugh u kkonsenjat, (ara foll 69 B);

9.6.2. Illi ma kien qed isib l-ebda problemi fl-irham in dizamina, (ara foll 69 B);

9.7. Illi l-intimat jallega li meta kellem lir-rikorrenti *nomine* dan irrispondieh allegatament bil-mod segwenti:

"... x'ghandi nippretendi, jien xtrajt l-iktar irham irhis", (ara foll 69 B);

9.8. Illi rizultat tad-difetti riskontrati l-intimat jallega li beda jahli daqs kwart, (1/4), mill-folja (ara foll 69 B);

9.9. Illi jsostni li hafna mill-irham kien stukkjat ghaliex kien bit-toqob, u ma setghax ghalhekk jigi uzat, (ara foll 69 A);

9.10. Illi konsegwenza tal-istess l-intimat isostni li ghandu diffikultajiet biex jigbor il-flus tax-xoghol minnhu mahdum bl-irham *de quo*, (ara foll 69 B);

9.11. Illi l-istess intimat kompla jinforma lill-qorti fil-kontro-ezami tieghu li meta kien jigi biex jerfa` il-folja din bdiet tinqasam, (ara foll 69 A);

9.12. Illi meta informa lir-rikorrenti b'dan, l-intimat jallega li dan beda jirrispondieh bl-herra u jghajjru halliel u imbruljun, (ara foll 69 B);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi analizi taz-zewg posizzjonijiet kontrapposti tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

10.1. Illi l-kontendenti kkonkretizzaw il-kompra-vendita ta' erbgha (4) tipi t'irham wara li dawn gew metikolozament analizzati fis-sede tas-socjeta` venditrici fi Sqallija;

10.2. Illi meta l-kwantita` mixtrija giet ikkonsenjata, l-intimat mill-ewwel beda jadopera ruhhu u jahdem bl-istess irham;

10.3. Illi kien biss meta r-rikorrenti *nomine* ra li l-intimat ma kienx qieghed jottempora ruhhu mall-kundizzjonijiet tal-pagament minnhu pattwit li beda jinkwieta ruhhu u jigri wara l-intimat ghall-pagament;

10.4. Illi anke wara tlett (3) xhur mill-ahhar skadenza ghall-pagamenti pattwiti, l-intimat assigura lis-socjeta` estera li l-irham mibghut kien tal-kwalita` pattwita u li kien ser ihallas l-ammont minnhu dovut ghall-istess, (ara paragrafu numru tmienja punt tlettax, (8.13.), aktar qabel;

10.5. Illi ghalkemm l-intimat isostni li kien informa lir-rikorrenti *nomine* bil-prodott skadenti lilhu kkonsenjat, ma jressaq l-ebda prova ta' tali kommunikazzjoni;

10.6. Illi r-ritratti pprezentati mill-istess intimat huma biss prova tal-kontenut viziv taghhom u ma jirrizultax li tressqet l-ebda prova li torbot l-istess ritratti mall-allegazzjonijiet tal-intimat;

Ikkunsidrat:

11. Illi f'dan il-qasam japplika l-principju sancit anke mill-kazistika f'**Borg vs Bondin, Volum XXXIII – I – 585** li:

> "... xerrej li jircievi l-merkanzija u ma jkunx irid jaccettaha, ghax jidhirlu li mhix ta' kwalita` tajba, ma jistax izommha ghandu";

12. Illi jirrizulta assodat li l-intimat m'ghamel xejn minn dan indikat fil-paragrafu precedenti;

13. Illi jirrizulta bil-maqlub li effettivament mhux biss zamm l-irham lilhu mibjugh u kkonsenjat ghandu, talli uza bejn tlieta u tmenin fil-mija, (83%), u hamsa u tmenin fil-mija, (85%), tal-istess ghall-progetti tieghu;

14. Illi ghalhekk, il-kuntratt ta' bejgh *de quo* mhux biss kien konkretizzat bil-ftehim fuq l-oggett u fuq il-prezz, (ara **Carmelo Vella vs *Commissioned Gunner* Steward R. Honour. R.N. Qorti ta' l-Appell, Volum XXXVII – II – 632)**, fejn allura, l-irham ghadda fil-proprjeta` tal-intimat kumpratur minn dak l-istess mument li fih sar il-ftehim *de quo* avolja l-prezz kien ghadu ma thallasx, izda, l-istess intimat baqa` jzomm taht il-kontroll tieghu u addirittura jutilizza l-istess irham minn meta gie lilhu kkonsenjat sallum;

15. Illi ghalhekk it-tezi tal-intimat ma tistax tigi avallata;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimat, takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine* u ghalhekk:

**DECIDE:**

16.1. Tiddikjara li l-intimat Mario Saliba iddekada mill-beneficcju tat-termini u ghalhekk ghandu jhallas l-ammont ta' sbatax -il elf hames mija u sitta u disghin Ewro u erbgha u sebghin centezmu, (€17,596.74), lir-rikorrenti *nomine* Giuseppe Girlando ghall-prezz tal-irham mibjugh u kkonsenjat lill-istess intimat;

12.2. Tikkundanna lill-istess intimat fuq indikat biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-fuq imsemmi rikorrenti *nomine*;

13.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax legali dovut mis-16 ta' Jannar, 2012, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-imsemmi intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------